**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li billi ma adottax, sa mhux iktar tard mit-18 ta' April 2016, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 ([1]), jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 106(1) tal-imsemmija direttiva;

— timponi fuq ir-Renju ta' Spanja, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 123 928,64 dekorribbli mill-jum tal-għoti tas-sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li jadotta jew, fi kwalunkwe każ, li jikkomunika lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2014/25/UE;

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu indikat għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE fl-ordinament ġuridiku nazzjonali skada fit-18 ta' April 2016.

([1]) Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU 2014, L 94, p. 243).

---

**Appell ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2018 mir-Repubblika tal-Polonja mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fl-1 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża T-849/16, PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-181/18 P)**

(2018/C 152/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna)

*Parti oħra fil-proċedura:* PGNiG Supply & Trading GmbH, il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Diċembru 2017, PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni Ewropea, T-849/16;

— tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lil kull parti tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ta' PGNiG Supply & Trading tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6950 finali tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar ir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni tal-pipeline tal-gass OPAL, mogħtija mid-Direttiva 2003/55/KE, għar-regoli relatati mal-aċċess minn terzi u mar-regolamentazzjoni tariffarji, fejn iddeċidiet li ma għandhiex *locus standi*.

Fil-fehma tar-Repubblika tal-Polonja, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat simultanjament fil-punti 6, 10, 11 u 43 tad-digriet appellat tagħha, konstatazzjonijiet fuq il-mertu tat-tilwima li kienet tikkonċerna l-validità tad-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni. B'konnessjoni ma' dan, ir-Repubblika tal-Polonja tippreżenta l-aggravji li ġejjin li jikkonċernaw id-digriet appellat.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 130(1) u (7) tar-Regoli tal-Proċedura, kif ukoll kisret id-drittijiet tar-Repubblika tal-Polonja għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u għal dritt għal smigħ xieraq iggarantiti mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll kisret il-prinċipju ta’ kontradittorju, peress li fid-digriet appellat tagħha għamlet konstatazzjonijiet fattwali u legali dwar il-mertu, rigward il-validità tad-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni, qabel ma setgħet tagħti deċiżjoni dwar il-mertu fil-proċedura fil-Kawża T-883/16, Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Kummissjoni.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-evalwazzjoni ġuridika tad-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni, peress li kkunsidrat li din id-deċiżjoni kienet tipprevedi li 50 % tal-kapaċitajiet tal-pipeline tal-gass OPAL bejn Greifswald u Brandov kienu suġġetti għal aċċess minn terzi permezz ta’ bejgħ b’irkant trasparenti u mhux diskriminatorju, sabiex persuni oħra jkunu jistgħu jiksbu dawn il-kapaċitajiet, u fost l-oħrajn, sabiex id-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni ma twassal għal ebda eżenzjoni supplimentari, iżda bil-kontra tannulla eżenzjoni eżistenti. Skont ir-Repubblika tal-Polonja l-evalwazzjoni tan-natura ġuridika u effettiva tad-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata, peress li din id-deċiżjoni sempliċement apparentement tintroduċi soluzzjonijiet ippreżentati bħala trasparenti u mhux diskriminatorji. Effettivament, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tapplika mekkaniżmu li jippermetti impriżi mill-grupp Gazprom li jkollhom l-użu esklużiv ta’ mill-inqas 90 % tal-kapaċitajiet tal-pipeline tal-gass OPAL (50 % minn dawn il-kapaċitajiet huma kompletament eżenti mir-rekwiżiti għal aċċess minn terzi, waqt li 40 % minn dawn il-kapaċitajiet huma dinamiċi u relatati, li Gazprom biss tista’ tirriżerva).

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu li timmotiva b’mod xieraq id-digriet appellat. Hija ma spjegatx fuq liema premessi kienet wettqet il-konstatazzjonijiet dwar il-mertu fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni. Konsegwentement, ma huwiex possibbli li jsiru magħrufa r-raġunijiet li minħabba fihom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kapaċitajiet tal-pipeline tal-gass OPAL kienu aċċessibbli għal impriżi li ma kinux konnessi mal-grupp Gazprom, u li ser ikollu effett pożittiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-gass naturali.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Marzu 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

**(Kawża C-188/18)**

(2018/C 152/27)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Ondrůšek, G. von Rintelen, M. Žebre)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— billi ma adottatx, sat-18 ta’ April 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-għoti ta’ kuntratti ta’ konċessjoni (ĠU L 94 tat-28 ta’ Marzu 2014, p. 1) jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx il-miżuri tagħha lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tas-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 51 tal-imsemmija direttiva;

— timponi fuq ir-Repubblika tas-Slovenja, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 260 TFUE, il-ħlas ta’ pagamenti ta’ penalità ta’ EUR 8 992,32 kuljum b’effett mill-jum li tingħata s-sentenza fil-kawża preżenti;

— tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.